SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 34-14**

Illum It-Tnejn, 17 ta' Novembru 2014

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani,Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joe Bonello u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Hadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 33-14 li saret nhar it-Tnejn, 20 ta' Ottubru 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1 Manutenzjoni tal-bankna f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet kienx hemm xi raġuni għala x-xogħol fuq il-bankina f'Dawret it-Torri kien waqaf ħesrem. Is-Sindku filwaqt li qabel ma dak li qalet is-Sinjura Galea, nforma l-Kunsill li kien ilu ġurnata jċempel lil kuntrattur iżda ma rnexxielux jikkuntatjah. Huwa qal li ser jibqa jsegwi l-andament tax-xogħol f'din it-triq sakemm jara li x-xogħol li kellu jsir tlesta.

### *1.1.2 Installazjoni ta' bollards fil-Bicylce Track*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 5.5.6 u staqsa dwar il-*bollards* li kellhom jiġu nstallati biex jagħlqu l-aċċess għall-vetturi minn Triq Begonja għal fuq il-*Bicycle Track*. Is-Sindku qal li dawn il-*bollards* qed jiġu ppreparati biex jitwaħħlu sa l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla.

### 1.1.3 *ATM tal-BOV*

Il-Viċi Sindku staqsa f'hix wasal il-proġett ta' l-ATM u meta ser tkun lesta. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-ATM ma kienetx inbniet skond il-permess tal-MEPA u għaldaqstant il-perit tal-Kunsill ma setgħax jiffirma l-*Compliance Certificate*. Huwa qal li l-BOV ġie nfurmat b'dan u qed isiru l-alterazzjonijiet neċessarji.

Is-Sindku qal li rridu nwasslu l-messaġġ li dan mhux proġett tal-Kunsill iżda tal-BOV. Huwa fakkar li fuq dan il-proġett il-Kunsill kien responsabbli biss mill-permessi tal-MEPA.

### *1.1.4 Tea Room fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 7.2 u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proġett tat-*Tea Room*. Is-Sindku wieġeb li xtaq li l-Kunsill jerġa jikkunsidra li joħroġ sejħa minflok avviż ta' nteress għax aktar ser idum ma' jiġi varat dan il-proġett. Huwa qal li għad hemm xi deċiżjonijiet żgħar li jridu jittieħdu qabel joħroġ l-avviż. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie deċiż li toħroġ is-sejħa u jekk ikun hemm bżonn, issir komunikazzjoni mal-Kunsill permess ta' *memo* dwar xi deċiżjonijiet finali li jkunu jridu jittieħdu fir-rigward tad-dokument tas-sejħa pubblika.

### 1.1.5 *CCTV*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għal minuta 3.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-iskema tar-Reġjun Nofsinhar dwar l-għoti ta' *CCTV camera* lil Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma li wara li ġew identifikati l-bżonnijiet tal-Kunsill f'laqgħa li saret mal-kumpanija G4S issa jmiss li dawn jagħmlu stima tal-proposta tal-Kunsill li wara tkun trid tiġi approvata mir-Reġjun.

## 2 KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u s-17 ta' Novembru 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1194-14-O – Residenti Blokk 12, 13, 14 – Ġbir ta' Skart Domestiku
- 1193-14-O – Residenti Blokk S u R – Ġbir ta' Skart Domestiku
- 1215-14-O – Resident – Donazzjoni ta' kotba għall-Librerija
- 1169-14-O – Kunsill Marsaxlokk – *Tourist Information Hub*
- 1164-14-O – *Suzhou Municipal Government China – Letter Invitation*
- 1230-14-O – Ministry for the Family and Social Solidarity – Pillar 2 Host Application
- 1206-14-O – Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma – Reimbursment - Re-instatement works 2010-2011
- 1236-14-O – Trasport Malta – Toroq li jriedu jsiru

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1148-14-I – Kerygma – Premju Żagħżugħ tas-Sena 2014
- 1160-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 27-2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015
- 1173-14-I – Assoċjazzjoni Gvern Lokali – *National Volunteer Award 2014*
- 1174-14-I – MEPA – *Statement of Non Urban Fund*
- 1211-14-I – ANSEK – Konferenzi

- 1225-14-I – Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita Attiva – Premju Soċjeta Ġusta

- 1235-14-I – Residenta – Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***MALTA NATIONAL LIFELONG LEARNING STRATEGY 2020 – Draft for Public Consultation***

- ***The Today Public Policy Institute: Confronting the Challenge: Innovation in the Regulation of Broadcasting in Malta.***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1148-14-I il-Kunsill innota l-inizjattiva tal-Moviment Kerygma: Premju Żagħżugħ tas-Sena 2014. Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tintbagħt lil Kappillan.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1160-14-I il-Kunsill iddiskuta Memo 27-2014 u qabel li japplika għat-tieni sejħa biex issir attivita' Kulturali bl-isem ta' *Chinese Spring Festival*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jkollha bżonn id-dettalju u l-ispejjeż involuti f'din l-inizjattiva biex tkun tista tħejji l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1173-14- il-Kunsill innota l-inizjattiva *National Volunteer Award 2014*. Is-Sindku qal li din is-sena din l-inizjattiva ser issir taħt il-patrunaġġ tal-E.T l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1174-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-bilanċ għall-Kunsill ta' Santa Luċija taħt l-*Urban Improvement Fund* jammonta għall €1979.66. Il-kunsill qabel li dawn il-flus għanhom jintefqu fuq xiri ta' *dustbins* ħalli jsir eżerċizzju biex dawk id-*dustbins* li m'humiex f'kundizzjoni tajba jinbidlu b'oħrajn ġodda.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1211-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar korrispondenza li bagħtu l-ANSEK dwar it-tieni konferenza annwali ta' ANSEK li ser issir fis-27 ta' Novembru 2014 u l-Konferenza *Biennali* ta' l-*Udite* li ser issir f'*Antwerp*. Huwa nformal li għal dawn iż-żewġ konferenzi ser jiġu mistiedna ukoll il-Sindki, l-Viċi Sindki u Kunsilliera. Huwa qal li kull min jixtieq

jattendi għal dawn il-konferenzi għandu jinforma l-Kunsill ħalli jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1225-14-I il-Kunsill innota l-inizjattiva Premju Soċjeta Ġusta, organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita Attiva.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1235-14-I is-Sindku tkellem dwar l-*e-mail* li nbagħtet lil *Transport Malta* u lil Kunsill fir-rigward ta' l-ilment dwar l-inkonvenjent li nqgħala wara li ngħalaq il-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*. Is-Sindku qal li kien bagħt din il-korrispondenza lil Ministru kkonċernat u nforma wkoll li l-Ministru ċempilu dwar din il-problema. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jikser il-liġijiet tal-pajjiż. Qamet diskussjoni fejn il-Viċi Sindku qal li din il-misura ma kienetx effettiva u mhux qed taħdem. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li min jidħol f'Santa Luċija biex jaqbeż Triq tal-Barrani ma jkunx jaf li ser isib il-ħruġ magħluq.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Kuntratt għall-manutenzjoni u tindif tal-latrini pubbliċi*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-Kuntratt hawn fuq imsemmi jgħalaq fil-31 ta' Jannar 2015 u hemm bżonn li toħroġ sejħa pubblika biex jinġabru offerti għall-kuntratt ġdid. Hija resqet kopja tad-dokument tas-sejħa u staqsiet jekk il-Kunsill riedtx jagħmel xi emendi f'dak li hu ħinijiet tas-servizz u tul tal-Kuntratt. Ġie deċiż li l-kuntratt joħroġ għal perjodu ta' sena u jista' jiġi estiż sa tlett snin. Fir-rigward tal-ħinijiet ma' ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

### 4.2 Laqgħa Pubblika – Proposta ta' żvilupp għal bini ta' Dar ta' l-Anzjani

Il-Kunsill iddiskuta il-laqgħa pubblika li ser tiġi organizzata mill-Kunsill fir-rigward ta' l-iżvilupp għal bini ta' dar għall-anzjani ħdejn l-iskola sekondarja tal-bniet f'Santa Luċija. Ġie deċiż li din il-laqgħa issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014 fil-Pavillon fi Ġnien is-Serenita' fis-6.30p.m. L-Aġenda għal din il-laqgħa għandha tinkludi: ftuħ mis-Sindku, *power point presentation* mill-iżviluppaturi u mistoqsijiet, kummenti u suġġerimenti mill-pubbliku. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-aġenda tintbagħt b'mod uffiċjali lil membri parlamentari tad-distrett, lil President tar-Reġjun, lil Kunsill ta' Ħal Luqa u lil għaqdiet li kitbu lil Kunsill uffiċjalment fir-rigward ta' dan l-iżvilupp.

## 4.3 Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout

Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*. Saru proposti dwar kif tista' titjieb is-sitwazzjoni preżenti u ġew identifikati diversi miżuri li jistgħu jindirizzaw il-problema tal-ħruġ b'mod definit. Il-Kunsill qabel li fil-bidu tas-sena d-dieħla jibda taħdidiet ma' *Trasport Malta* dwar din il-problema.

## *4.4 Sit Arkeoloġiku f'Triq Lellux*

Il-Kunsilliera Caroline Galea ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar artiklu li deher fil-ġurnal it-Torċa tal-Ħadd, 16 ta' Novembru 2014 fejn sar appell biex isir xi ħaġa dwar is-sit arkeoloġiku li nstab snin ilu fi Triq Lellux. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ma nistgħux inmissu dan is-sit u kull ma jista' jagħmel il-Kunsill hu li jżomm dan is-sit nadif. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jerġa jikteb lil *Heritage Malta* biex tingħata l-attenzjoni meħtieġa fuq dan is-sit.

## *4.5 Attivita' fi żmien il-festi tal-Milied*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar attivita' li ser tiġi organizzata mill-Knisja fi żmien il-Milied. Huwa qal li bejn id-19 ta' Diċembru 2014 u t-2 ta' Jannar 2015 ser tittella *Xmas Village* fuq iz-Zuntier tal-Knisja u l-attivita' tilħaq il-qofol tagħha nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2014. Huwa qal li l-Kappillan għandu jibgħat il-programm sħiħ ta' din l-attivita'. Il-Viċi Sindku talab il-koperazzjoni tal-Kunsill bħal ma jsir f'diversi okkazzjonijiet oħra matul is-sena. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux oġġezjoni u kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel siġra tal-Milied imżejna għall-okkażjoni u jagħti s-sapport tiegħu f'din l-inizjattiva.

## *4.6 Memo 25-2014: Skema attivitajiet Sportivi 2014-2015*

Is-Sindku rrefera għall-iskema hawn fuq imsemmija li kien applika għaliha l-Kunsill bi programm ta' attivitajiet immirati lejn inizjattivi sportivi għas-sena 2015. Huwa qal li l-proposta tal-Kunsill ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €1555.00 li hija ekwivalenti għal 50% ta' l-ispiża nvoluta. Huwa ppropona li l-kumplament ta' l-ispiża nvoluta jinħareġ mill-Kunsill u issir provista għaliha fil-*budget* tas-Sena 2015. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta**.**

## *4.7 Żjara minn Delegazzjoni Uffiċjali mill-Muniċipalita' ta' Guzu District China*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien bagħt ittra/invit biex id-delegazzjoni Ċiniża iżżur Malta fil-ġimgħat li ġejjin.

### *4.8 Tourist Information Hub*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill offra li jikkolabora mal-Kunsill ta' Marsaxlokk biex isir *Tourist Information Hub* fis-*South* ta' Malta.

### *4.9 Progett LEAP: Pillar 2 Host Application*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien applika biex jingħata erbgħa ħaddiema għal perjodu definit taħt l-iskema hawn fuq imsemmija.

### *4.10 Donazzjoni ta' kotba*

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja pubblikament lis-Sur E.V. Borg ta' donazzjoni ta' kotba dwar l-arti li għoġbu jagħti lil Librerija Pubblika ta' Santa Luċija.

### *4.11 Kisi ta' Toroq*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fuq talba ta' Trasport Malta stess, il-Kunsill bgħat lista provisorja ta' toroq li jinsabu fi stat ħażin ħafna. Il-lista tinkludi: Triq Peprin, Triq Żnuber, Triq Maria De Domenicis, Dawret it-Torri, Vjal Oleandri, Triq Klematis u Trejqet Garnaw.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5298 numru BOV 5339 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-21 ta' Ottubru 2014 u s-16 ta' Novembru 2014.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 33-14(20-10-2014).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2014 Ammont *Gross* €6044.72

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Joseph u Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv. Ottubru 2014 | 2046.61 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.Ottubru 2014 | 1024.25 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Ottubru 2014 | 2061.50 |

### 5.4 Kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill

#### 5.4.1 Kwotazzjoni għall-arkivjar tal-*online streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill

Il-Kunsill approva kwotazzjoni hawn fuq imsemmija li tammonta għas-somma ta' €800.00.

#### 5.4.2 Kwotazzjoni għal xiri ta' PVC signs

Is-Sindku refera għall-kiri tal-*boards* informattivi li ser jikri l-Kunsill mill-Klabb tal-*Football* u qal li kien ġab kwotazzjoni għal 10mm *PVC signs*. L-ispiża nvoluta tammonta għal €215.00 kull *sign*. Għandhom jinġiebu aktar kwotazzjonijiet għax-xiri ta' dawn is-*signs*.

## 6. Rapport Finanzjarju għal perjodu 01-07-2014 – 30-09-2014

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jirrifletti t-tielet kwart tas-sena. Hija qalet li dan ġie ppreparat mill-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Debono li kienet preżenti waqt din il-laqgħa biex tagħti spjegazzjoni dwar dan ir-rapport. Hija qalet li l-figuri li jidhru f'dan ir-rapport huma kumulattivi jiġifieri jirriflettu d-dħul u l-ħruġ finanzjarju mill-bidu tas-sena sa l-aħħar ta' Settembru 2014. Hija qalet li l-Kunsill għalaq l-ewwel disgħa xhur tas-sena b'*surplus* ta' €15.625.00. Saru xi domandi mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet x'kienu l-ispejjeż relatati ma' *Council Hospitality* li kienu jammontaw għas-somma ta' €4911.00. L-*Accountant* qalet li kienet ser tibgħat *breakdown* ta' dawn l-ispejjeż. Is-Sindku fakkar li din is-sena partikulari l-Kunsill daħal fi spejjeż relatati ma' ospitalita' tal-ħaddiema *Ċiniżi* u l-inawgurazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Fir-rigward tal-*Capital Commitments* is-Segretarju Eżekuttv kellha tivverifika jekk il-figuri li jidhru fil-*Capital Commitments* kienux eżatti.

,,,,

## 7. Attivitajiet b'risq il-Community Chest Fund

Il-Kunsill iddiskuta l-ġbir ta' flus b'risq il-*Community Chest Fund* u qabel li l-membri tal-Kunsill jorganizzaw *stand* quddiem il-knisja u fil-pjazez minn fejn jiġbru flus b'risq il-*Community Chest Fund*. Aktar dettalji dwar l-organizzazjoni ta' din l-attivita' għandhom ikunu komunikati lil Kunsilliera permess ta' *e-mail.* Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir kordinament biex il-ktieb Tisjir Mill-Qalb ikun jistgħa jinbiegħ mill-uffiċċju tal-Kunsill.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 Triq il-Ġnien

Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm fuq ix-xogħol li għaddej bħalissa fi Triq il-Ġnien. Huwa tkellem dwar ix-xogħol fuq il-*gutter* u qal li dan issa qed jaħdem u għandu żewġ livelli, il-livell il-baxx jagħti għal bir li hemm taħt blokk II u ieħor imur lejn Vjal Oleandri fejn jaqbad ma' żewġ katusi kbar. Huwa qal li l-periti qed jieħdu ħsieb li jsiru l-konnesjonijiet ma' l-ġibja li nbiet f'din l-istess triq. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet meta ser titlesta din it-triq u s-Sindku wieġeb li suppost tkun lesta sa l-aħħar ta' Novembru 2014.

### 8.2 Manutenzjoni ta' toroq

Is-Sindku irrefera għal bankina fi Triq Helen Buhagiar u qal li din qed jiżloq ħafna. Huwa qal li kien se jara x'jista jsir biex jiġi eliminat dan il-periklu.

Il-Kunsillier Victor Camilleri qal ukoll li hemm bżonn ta’ manutenzjoni quddiem il-Klabb tal-Boċċi.

### *8.3 Proposta għal kisi ta’ toroq taħt l-iskema PPP*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill intalab jinforma lid-Dipartiment liema huwa t-toroq li jixtieq jinkludi jekk terġa tiftaħ skema tal-PPP. Il-Kunsill identifika dawn it-toroq kif ġej:

- Triq il-Ġiżimin
- Triq iż-Żinja
- Triq Dun M. Mifsud
- Triq l-Istefanotis

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li hemm bżonn li jinġiebu l-istimi ta’ kemm ser tiġi tiswa kull triq qabel titieħed deċiżjoni finali.

### *8.4 Xogħolijiet oħra ta’ manutenzjoni*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar xogħol ta’ manutenzjoni li jista’ jsir mill-*Manufactoring and Services Department* (MSD) tal-Gvern fejn il-Kunsill iħallas biss għall-*labour works*. Huwa semma l-istima li ngħata l-Kunsill mill-MSD biex dawn jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni tal-bankijiet. Huwa qal li dan ix-xogħol ser jiġi ordnat fis-sena 2015. Huwa kompla jgħid li bħalissa dawn qed jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni tal-funtana tal-Pjazza 7 ta’ Lulju.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ...................… 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**